**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 502/2021 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**AF**

**Vs**

**KF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AF datat 25 ta' Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu gewwa Malta fit-3 ta' Dicembru 1995 u dana skond kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A);*

*Illi sussewentament il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Ottubru 2012 in atti tan-Nutar Nicholas Briffa (Dok B).*

*Illi ma tezisti ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment.*

*Illi l-esponenti jixtieq li jikseb d-divorzju mill-intimata u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti w dana ai termini tal-artikolu 66A et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta w taghti dawk il-provvedimenti kollha*

*opportuni fic-cirkostanzi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' KF datata 15 ta' Novembru 2021, a fol 11 li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Dicembru 1995, u lanqas li sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa nhar il-11 ta' Ottubru 2012;*

2. *Illi l-esponenti taqbel ukoll li l-ebda manteniment m'huwa dovut bejn il-kontendenti kif ukoll huma ilhom jghixu hajja separata de facto sa miz-zmien li sseparaw;*

3. *Illi l-esponenti tikkonferma li r-rikorrent dejjem hallas manteniment ghall-ulied u m'hemm ebda arretrati f'dan ir-rigward;*

4. *Illi l-esponenti taqbel ukoll illi m'ghad hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejnha u r-rikorrenti.*

5. *Illi l-esponenti tixtieq li tibqa maghrufa bil-kunjom 'F', kif ukoll li t-termini kollha miftiehma fil-kuntratt ta' separazzjoni jibqghu fis-sehh;*

6. *Illi l-esponenti ghaldaqstant, ma topponix ghat-talba ghall-ottjeniment tad-divorzju ghalkemm topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KF xehdet** (vide affidavit fol 12) illi l-kontendenti izzewwgu nhar it-3 ta' Dicembru 1995 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti

sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Nicholas Briffa datat il-11 ta' Ottubru 2012. Ikkonfermat illi l-kontendenti ghandhom hajja ndipendenti minn xulxin u li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Finalment iddikjarat li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom. Di piu', rreteniet illi tixtieq izzomm kunjom ta' 'F' minhabba t-tfal.

**AF** xehed (vide affidavit fol 15 et seqq.) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Dicembru 1995, liema zwieg jgib certifikat numru 2069/1995 (Vide certifikat taz-zwieg fol 23). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa nhar il-11 ta' Ottubru 2012 (vide Dok. B fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2069/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**